MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 27/2000/1

Avviz Nru: 27/00 DM

Hubert Spiteri

Vs

James Micallef

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tal-ammont ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900), jew somma ohra verjuri li ma tacceddix is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000), rapprezentanti d-danni li l-attur sofra meta l-konvenut ha u garr ghadd ta' gebel rustiku proprjeta tieghu u ghamel ukoll hsara fil-hitan tal-barriera maghrufa bhala "Ta' Sardella", Qrendi, proprjeta tal-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorji tal-11 ta' Mejju 1999, tat-23 ta' Gunju 1999 u tad-9 ta' Lulju 1999, tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Gunju 1999 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-hlas eventwali – ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Preliminarjament, l-attur ghandu jindika x'titolu ghandu fuq l-imsemmija barriera;

2 It-talba attrici ghandha tigi michuda fil-fatt u fid-dritt stante li l-allegazzjoni li l-eccipjenti ghamel hsara fil-hitan tal-barriera tal-attur m'hix fondata kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3 L-imsemmija barriera m'ghadhiex topera u qedgha tigi mirduma b'gebel skartat;

4 Se mai, ngarrew zewg vjaggi biss minn dan il-gebel skartat, u mhux gebel rustiku formanti parti mill-hitan tal-barriera odjerna;

5 Ghaldaqstant l-ammont mitlub mill-attur huwa ferm eccessiv;

6 B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

M'hemmx dubju illi l-konvenut kien f'okkazzjoni wahda gie sorpriz mill-attur waqt li kien qieghed igorr minn gol-

barriera tal-attur, gebel antik tas-sejjieh illi l-valur tieghu fis-suq huwa ta’ madwar Lm20 (ghoxrin lira Maltin) il-metru kwadru, skond kif  xehed il-Perit l-AIC Robert Musumeci.

Fejn ma jaqblux il-kontendenti  huwa dwar il-fatt jekk il-konvenut kienx effettivament lahaq ittrasporta gebel minn fuq il-post li ma regghax irritornah. Filwaqt illi Hubert Spiteri isosstni illi diversi hitan tas-sejjieh kienu gew maqlubin u l-gebel taghhom mehud  minn fuq il-post, il-konvenut fid-deposizzjoni tieghu jsosstni illi huwa kien mar darba wahda biss fuq il-post u meta gie rinfaccat mill-attur, huwa kien halla l-gebel kollu fuq il-post u ghalhekk spicca biex ma ha xejn minn fuq il-post.

Minn dawn iz-zewg verzjonijiet pero, jidher illi l-iktar wahda attendibbli hija dik ta’ Hubert Spiteri peress illi l-verzjoni moghtija mill-konvenut ghandha diversi inezattezzi dwar xi cirkostanzi rilevanti ghal kaz.

Infatti fil-waqt illi l-konvenut isosstni illi hu kien induna bil-gebel tas-sejjieh fil-barriera tal-attur meta kien qieghed imur biex jghabbi gebel flimkien ma huh minn barriera ohra fil-vicinanzi, jirrizulta mid-deposizzjoni ta’ huh, Mario Micallef, illi huwa qatt ma kien akkompanja  lill-konvenut sabiex jghabi xi gebel izda biss biex jarmu l-materjal.

Inoltre s-sid tal-barriera minn fejn il-konvenut allegatament kien qieghed jghabbi xi gebel ma jikorroborax lill-konvenut, billi jghid illi kull ma kien qieghed ihalli ghad-disposizzjoni tal-konvenut ma kiex gebel izda biss terrapin.

Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi effettivament il-konvenut kien f’diversi okkazzjonijiet dahal fil-barriera tal-attur u minn hemm hatt xi hitan tas-sejjieh u ghabba,  t-trasporta minn fuq il-post il-gebel.  Infatti fl-eccezzjonijiet tieghu fil-paragrafu 4 l-istess konvenut jikkontradici dak li xehed billi jaccetta li effettivament kien garr zewg vjaggi ta gebel skartat.

Inoltre mid-deposizzjoni ta’ PS 184 Saviour Cacciattollo, jirrizulta illi l-attur kien, qabel ma setgha jidentifika min kien qieghed jehodlu l-gebel, digia ghamel rapporti qabel il-gurnata meta effettivament kien irnexxielhu jaqbad lill-konvenut fil-fatt.

Ghaldaqstant il-Qorti hija sodisfatta illi l-konvenut kien minghajr ebda permess tas-sid, kif jikkonferma li hu l-attur, waqqa’ hitan tas-sejjieh u ttrasporta l-gebel minn fuq il-post u ta’ dan l-azzjoni abusiva u illegali evidentement irid jirrispondi.

Dak illi ma jirrizultax stabbilit b’certa precizjoni huwa l-ammont kollu li verament ittiehed mill-konvenut. Izda mir-ritratti esibiti mill-attur (a folji 46 sa 48 tal-process) jirrizultaw is-sezzjonijiet ta’ l-hitan illi gew imwaqqghin u mnezza mill-gebel recentement, u billi fil-fatt jirrizulta li l-konvenut kien abusivament garr minn fuq il-post almenu parti minn dan il-gebel u l-presenunzjoni hi li huwa risponsabbli ghan-nuqqasijiet kollha, jinkombi fuq l-istess konvenut li jipprova il-limiti tal-attivita tieghu’ jekk jinsisti li ma kienx garr il-gebel kollhu li hujwa nieqes. Provi konklussivi f’dan is-sens ma gabx anzi jirrizulta li l-konvenut iddesista mill-garr ulterjuri tal-gebel ghar-raguni biss li nqabad fil-fatt.

Billi n-nuqqasijiet u d-diversi hsarat li sofra l-attur kienu gew stmati mill-Perit Robert Musumeci fis-somma ta’ Lm2200 ( elfejn u mitejn lira Maltin) issib illi s-somma illi effettivament qieghed jitlob l-attur f’dan l-avviz, f’ammont ta’ Lm900 (disa’ mitt lira Maltin), hija gustifikata mic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qedgha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta’ Lm900 (disa’ mitt lira Maltin), bl-imghaxijiet legali mill-11 ta’ Jannar tas-sena 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------